VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

**7 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Alfred Zammit- Vici Sindku
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI:**
Alfred Zammit
Roberta Bonello Felice

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 29.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.0.1 Alfred Zammit
29.0.2 Roberta Bonello

## 29.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

29.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 28.1 kienu ikkonfermati

## 29.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay informa li d-dawl ta ma' ġemb tal-palazz fi triq it-Teatru kien komplut.

29.2.2 Is-Sindku Olaf Mckay informa li sar maintenance agreement bejn il-kumpanija li pprovdit il-gym equipment u l-project green biex l-outdoor gym ikollu manutenzjoni regolari.

29.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li laqa' grupp Ċiniżi, fejn kien hemm delegazzjoni u kienet immexxija mill-Viċi President tal-Chinese People's Association for Friendship with Foreign Countries, is-Sur Liu Xiagdeng, flimkien mad-Direttur taċ-Chinese Cultural Centre, Dr Chen Xiao.

29.2.4 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ħa jilqa' lill-ambaxxattur tal-Alġerija ġewwa l-kunsill fuq talba tal-Foreign Affairs.

29.2.5 Is-Sinkdu Olaf Mckay informa li qed jiddiskuti mal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli fuq it-tindif u manutenzjoni tal-Belt Valletta.

29.2.6 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-van li nxtara mill-Valletta Mangement Plan ser ikollu driver li s-sejħa ser toħroġ mid-dipartiment tal-gvern lokali.

29.2.7 Is-sindku Olaf Mckay informa li attenda ghal laqgħa plenarja tal-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali u informa lis-segretarju ezekuttiv biex tibghat id-dokument kollu li ntbghatt mill-AKL.

29.2.8 Is-Sindku Olaf Mckay Informa li kellu laqgħa mal Malta Public Transport, fejn ġie diskuss is-servizz tar-rota 133 u l-vettura l-ġdida li hija fully electric.

29.2.9 Is-sindku Olaf Mckay informa li bħas sena preċedenti ser jitpoġġew lettrini fiż-żona tal-fossa u taħt is-sur taħt l-MCC

29.2.10 Is-sindku Olaf Mckay informa li kellu talba għal twinning mic-city of Cagnes Sur Mer Argiers u informa lis-segretarju ezekuttiv biex tibgħat id-dokumenti.

29.2.11 Is-sindku Olaf Mckay informa li ser ikun qed jattendi konferenza ġewwa Barcelona li hija Smart City Expo f'Novembru li ġej.

29.2.12 Is-sindku Olaf Mckay informa li ser ikun qed jattendi għal World Tourism Cities Federation f'Settembru li ġej.

## 29.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

29.3.1 il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet dwar is-slielen tal-baħar li talbet biex issiru, wieħed minnhom biex jitneħħa sellun minn tnejn tal-bugħadasa minħabba li l-Cleansing Department sabu problema biex iwaħlu sellun biex jintuża mir-resident ta' dik in-naħa.

29.3.2 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet dwar il-cameras eżisteni ġewwa l-fossa, l-kunsillier Raymond Azzopardi nforma li bħalissa hemm żewġ cameras li qedin jiffunzjonaw u ser tkun qed teħel it-tielet camera la darba jitwaħħal l-arblu.

29.3.3 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet biex l-administration tagħmel rapport dwar il-gabbana tal fjuri li hemm quddiem l-Ispar li għandha bżonn ħafna manutenzjoni.

29.3.4 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet dwar triq Sant Ursula, is-segretarju eżekuttiv infurmata li t-timeline biex jitlesta ix-xogħol huwa ta' erbgħa ġimgħat.

29.3.5 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet dwar it-talba li jagħmlu l-għaqda tal-pawlini għal tappieri li nqallgħu ma xogħolijiet tat-triq li saru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tkellem lill president biex tmexxi bix-xogħol.

29.3.6 Il-Minority Leader Ylenia Montfort tkelmet dwar problema li kien hemm xi ġurnata li l-iskart ġewwa il belt ma nġabarx. Il-kunsillier Raymond Azzopardi infrumaha li dakinhar kien hemm impjegat gdid pero s-sitwazzjoni ġiet riżolta dik il-ġurnata stess.

29.3.7 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat dwar ir-revision classes, is-segretarju ezekuttiv flimkien ma Sachen Zammit spjegaw kif ser ikunu mqasmin ir-revision classes.

29.3.8 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li bħal snin preċedenti fil-festi tat-tfal ser tkun qed tagħti token lit-tfal kolla li ser ikunu preżenti kemm fil-festa tal-Karmnu kif ukoll f'ta San Duminku.

29.3.9 Il-Kunsillier Daniel Diacono resaq quddiem il-kunsill ir-renewal tal-iskema tan-notebook centre. Il-kunsill kollu preżenti qabel dwar dan.

29.3.10 Il-Kunsillier Daniel Diacono informa li xtaq update dwar il-laqgħa li attendit għalija l-kunsilliera Roberta Bonello Felice, pero ma kinitx preżenti għal-laqgħa alurra dan ma setax iseħħ

29.3.11 Il-Kunsillier Daniel Diacono informa li xtaq jorganizza gieta f'Għawdex f'settembru, li tkun tikkonsisti mawra fuq il-monti tan-Nadur, imorru t-tok, jmorru għal-ikel ġewwa xlendi u jagħmlu satejn tombla. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

29.3.12 Il-Kunsillier Daniel Diacono informa li l-attivita li għamel mal-Minority Leader Ylenia Montfort kienet waħda ta' suċċess fejn tqassmu l-ġelati lit-tfal tal-iskola. Is-segretarju ezekuttiv informat li s-sid tal-van tal-ġelati ċempel lis-segretarju ezekuttiv u bħala ġest tal-aministrazzjonital tal-kunsill kien se jaghti dawn il-ġelati bħala donazzjoni.

29.3.13 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi preżenta mozzjoni li kienet ssekondata mill-minority Leader Ylenia Montfort, mozzjoni dwar talba għal fondi mill-VMP għall-irranġar taż-żona ta' Marsamxett. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

29.3.14 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi resaq talba mingħand is-sidien tal-ħwienet ta' triq il-Ganċ biex jagħmlu installazzjoni biex isebħu it-triq.

29.3.15 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar triq Sant Ursula, informa li l-parkeġġi wara x-xogħolijiet m'għadhom jidhru, informa wkoll li hemm xi toqob li ħalla l-kuntrattur, is-segretarju eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tieħu azzjoni dwar dan.

29.3.16 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi informa li qed issir programm ta' ħasil, ser issir servizz fi Pjazza Mattia Preti minħabba li hemm attivita tal-Valletta Football Club nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2026.

29.3.17 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi informa li l-problema tal-borża s-sewda qeda tkun minn sidien ta' air b&b's li qedin jabużżaw bis-sistema tal-ġbir tal-iskart tar-residenti.

29.3.18 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi tkellem dwar il-bżonn li jsir cladding mal -skips tal-Camrata biex ma jibqgħux jiġu abbużati.

29.3.19 Il-kunsillier Vince Fabri staqsa dwar il-big screens li hawn fiż-żona pedonali jekk għandhomx permessi. Is-segretarju ezekuttiv infurmat li m'għandhomx permessi.

## 29.4 Rapporti

NIL

## 29.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

29.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rċeviet notfika mill-arċikonfraternita tas-santissmu kurċifiss dwar il-festa ta' santu kruċ li ssir nhar it-tlettax ta' Settembru.

29.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha laqgħa ma Keith Scicluna, l-kap tas-summer school tal-belt fejn ġew konklużi l-ħargiet kollha li ser issiru għat-tfal Beltin waqt is-summer school.

29.5.3 Is-Segretajru Eżekuttiv informat li ser tkun qed terġa tgħaddi l-minuti numru 52 minħabba li b'diżvista f'punt 52.8 ħalliet l-iskeda tal-pagamenti numru 14 – april 2024 barra. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

29.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv rċeviet talba mingħand is-Sindku biex tassisti il-Heritage Malta għal kiri ta' barriers taħt forti Sant Iermu, GA infurmat li għadha qed tistenna l-quotation.

29.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kellimha is-sindku flimkien ma' Maurizio Lapira dwar xogħolijiet ta restawr li għandu bżonn issir f'residenza ġdida li ingħatat lilhom. Hija talbitu jgħaddila d-dokumenti kollha biex tkun tista' tara minfejn tista tapplikalom għal fondi minħabba l-fatt kien hemm diġa komunikazzjoni bejn Maurizio Lapira u development fund imma hemm applikazzjonijiet qablu li qedin fil-proċess biex issiru.

29.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li applikat għal iskema tal-Bollards u t-tapieri ġodda fiż-żona pedonali fejn ser jiġu installati u rrenġati t-tapieri fi triq Melita l-ewwel. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

29.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qeda taħdem fuq it-tender tal-van tal-elettriku ġdid flimkien mal-konsulent li jieħu ħsieb it-tenders.

29.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li t-tender tad-decorative lighting qiegħed fil-proċess li jiġi ffinalizat.

29.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tkun qed tapplika għal fondi ta SPI/SCI/05/2026 biex tagħmel upgrade għal-lettrini ta'Melita u Cart street showers ġodda ġewwa il-lettrina ta' marsamxett u lettrini ġodda ġewwa l-fossa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġabret lura ċ-ċwievet tal-public conveniences ta triq Melita u triq il-Karrijiet. Il-kunsill qabel li t-tnejn li huma jiġu rrinovati. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li la darba l-public conveniences jiġu rrenġati tinħareġ sejħa għal-offerti fejn il-public conveniences kollha joħorġu b'tender waħda. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

29.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-dipartiment tal-gvern lokali ser ikun qed jagħmel internal audit dwar il-proġetti kapitali.

29.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-ġranet li ġejjien kif kienet diġa nfurmat qabel ser jinġibed film.

29.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ingib il kwotazzjonijiet ghal public conveniences tal fossa u ta taht is sur u rcevit ukoll konferma li nofs l-ammont ser ikunu imhallas mill-Malta tourism Authority. Il-kunsill ser ikunu qed johrog average ta 7k.

29.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġew ordnati street signs ta' triq il-Beatu Nazju Falzon u la darba jibdew ix-xogħolijiet ta-decorative street lighting din it-triq issirila street lighting gdid.

29.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed itellgħa quddiem il-kunsill tlett variation quoations, għal faccata ta' San Pawl.

29.5.15 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċeviet komunikazzjoni mingħand Jeanpaul Mifsud dwar agreement li hu qed jagħmel ma' project green. Il kunsill kollu qabel dwar dan.

29.5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li requests ghal permessi, mghandhomx jintbghatu fuq il mobiles personali tal impjegati tal-kunsill lokali lanqas wara l-ħin tal-uffiċju imma jintbgħatu permezz ta' email. GA infurmat ukoll li fix-xhur tas-sajf ser tkun qed tagħti ammont ta' vacation leave lill impjegati. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

29.5.17 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed tiprezenta quoation ta lapida biex tikomemora ix-xog]ħol li ghamel Joseph Tonna, hija infurmat li flokk bust ser issir lapida. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tkun qed titlob permess lil kurja biex titwahhal mal-faccatta ta palazzo karaffa

29.5.18 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġabet il-quotation għax-xogħolijiet rikjetsti mill-public transport dawn jammontaw għal 5,500

## 29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.8.1 Mejju u Gunju 2026

**Il-Kunsill aġġorna għall-11 ta' Awwissu fil-17.00hrs**

**IFFIRMATA**

Olaf McKay
Sindku

**IFFIRMATA**

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv